FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 5 TA' LULJU 2001

PULIZIJA
SPETTUR SILVANA AGIUS
VS
MARIA DOLORES K/A DOREEN BELLIZZI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Maria Dolores k/a Doreen Bellizzi ta' 35 sena bint il-mejjet Robert Bellizzi u Maria Anna xebba Bilocca imwielda Attard fit-22 ta' Lulju 1965 u residenti 133, Triq il-Kbira, Zebbug, numru tal-karta ta' l-identita 369 865M talli fl-14 t'April 2000 waqt li kienet xoghol fic-Centru tas-Sahha ta' Hal Qormi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, fl-esercizzju tad-dmirijiet tieghha, ghamlet falsifikazzjoni b'firem foloz jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew firem, f'registri jew f'atti pubblici ohra, wara li jkunu gia iffurmati jew maghluqa u dan ai termini tal-Artikolu 179 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi meta kitbet atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga taghha, bidlet bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom sew billi nizzlet pattijiet diversi minn dawk li jkunu jew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi ddikjarat bhalav eri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma jkunux u dan ai termini tal-Artikolu 180 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi harget minn that idejha skrittura f'forma legali, u tatha bhala kopja ta' att pubbliku meta dan l-att ma kienx jesisti u dan ai termii tal-Artikolu 181 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalija innifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentment ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat taghrif falz billi iffirmat ricetti tan-nuccalijiet bin-numru 71/00, 76/00, 77/00, 75/00, 80/00, 72/00, 79/00, 74/00, 78/00 u 73/00 f'isem Miss Susannah Swain u dan ai termini tal-Artikoli 188 u 189 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputata sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-imputata hija an enrolled nurse u tahdem il-Polyclinic Hal Qormi fis-sezzjoni tal-Opthalmic.

Illi jirrizulta illi Miss Susannah Swain hija t-tabiba li tezamina il-vista tal-pazjenti u jekk jidilha taghmilhom ricetta ghan-nuccalijiet u tnizzel dana kollu fuq il-file.

Illi skond il-proceduri, jekk il-pazjenti jkollhom karta roza Miss Swain taghmillhom special requisition, jekk ghal xi raguni il-pazjenti jinsew jgibu il-karta roza maghhom, Miss Swain timla formola ohra u wara li l-pazjent jgib il-karta roza timla il-formola proprja li tigi mehmuza mal-karta roza u tintbghat il-medical Stores l-isptar San Luqa. Illi l-imputata

kienet timla biss l-isem u l-indirizz fuq dawn il-formola proprja wara li r-ricetta tkun imnizzla min Miss Swain.

Illi jirrizulta illi l-imputata iffirmat ghal Miss Swain il-formoli proprji nru 71/00, 76/00, 77/00, 77/00, 75/00, 80/00, 72/00, 79/00, 74/00, 78/00 u 73/00 u kkupjat ir-ricetta maghmula min Miss Swain fuqhom peress illi "kienu ilhom hemm….sabiex thaffef ix-xoghol u n-nies ma jdumux jistennew ghan-nuccalijiet."

Illi l-prosekuzzjoni ma resqitx prova li l-imputata invistat l-pazjenti – mhux b'xi negligenza izda ghaliex ab initio kienet taf li mhuwiex il-kaz. L-istess jinghad ghal dak li jirrigwarda provi dwar xi qliegh jew profitt da parti mill-imputata ghaliex provi ma jesistux u dana wara li l-prosekuzzjoni interrogat lill-pazjenti kollha li jirrispekkjaw ir-ricetti fuq indikati.

Ikkunsidrat:-

Illid an il-kaz huwa wiehed pjuttost sfortunat meta Qorti hija kostretta ccanfar agir motivat minn dedikazzjoni ghax-xoghol u minn sentimenti mill-aqwa. Illi dan huwa kaz ta' overzealousness fuq il-post tax-xoghol u il-prosekuzzjoni u ma ingabet ebda xrara ta' prova ta' xi qerq jew ta' xi profitt da parti kif trid il-ligi.

Illi mankanti dawn l-elementi kardinali ebda wiehed mill-akkuzi migjuba kontra taghha ma jissussistu.

Illi in oltre ghar-rigward ta' l-ewwel akkuza ta' falsifikazzjoni ma saritx "wara li d-dokument kien gia ffirmat jew maghluq kif jiddetermina l-Art 179 tal-kap 9.

Illi madanakollu il-Qorti thossha fid-dover li ccanfar lill-imputata ghal dak li ghamlet b'ahjar intenzjonjiet. Illi overzealousness, fil-post tax-

xoghol jista jwassal ghal sitwazzjonijiet imwera – kif zgur taghmel l-imputata b'din esperjenza qarsa.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputata mhux hatja skond l-akkuza u tilliberaha.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.